# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 6**

**Avviz. numru 48/01mm**

**Untours Insurance Agents ghall-Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-Louis Fsadni u l-istess Louis Fsadni**

**vs**

**Carmelo Bonavia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fit-22 ta' Jannar 2001 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-istanti Untours Insurance Agents Ltd noe s-somma ta' Lm342.82c u lill-istanti Louis Fsadni s-somma ta' Lm25 danni subiti mill-istanti in segwitu ghal incident stradali li sehh fil-Marsa fl-10 ta' Lulju 2000 bejn car Alfa numru BAP 429 misjuqa minn Kevin Fsadni u American Hoist numru GVH 390 misjuq mill-konvenut. Prevja

dikjarazzjoni li huwa kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi kwantu l-azzjoni attrici hija diretta kontra l-esponenti, t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident msemmi fl-avviz ma garax minhabba xi mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti ta' l-esponenti u ghalhekk ma jirrispondix ghad-danni.

2. Ghaldaqstant l-esponenti jirrespingi t-talbiet ta' l-atturi, bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

4. Bl-ispejjez kontra l-istess atturi, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident stradali illi gara fl-10 ta’ Lulju 2000 f’Belt il-Hazna, Blata l-Bajda bejn il-karozza BAP 429 misjuqa minn Kevin Fsadni u l-*crane* GVH 390 misjuq mill-konvenut.

Irrizulta mill-provi illi l-attur huwa proprjetarju ta’ din il-karozza BAP 429 li fil-hin ta’ l-incident kienet qed tigi misjuqa minn ibnu Kevin. Dana jghid illi huwa ried johrog minn Belt il-Hazna biex jaqbad it-triq principali National Road, Blata l-Bajda. Waqaf wara xi tlett karozzi ohra li kienu wkoll weqfin fuq l-*stop sign* qabel ma johorgu fi triq principali. Hekk kif dawn il-karozzi bdew hergin wahda wahda qaghad jistenna t-*turn* tieghu sabiex hu wkoll ikun jista johrog. Meta wasal it-*turn* tieghu, waqaf wara l-*stop sign* jistenna l-karozzi jghaddu minn quddiemu sabiex huwa jkun jista jkompli fit-triq tieghu. Dak il-hin izda l-*crane* beda jinstaq l’quddiem u baqa diehel fuq il-parti ta’ wara tal-karozza tieghu.

Gew ikkawzati danni fil-*mudguard* kif ukoll fil-*windscreen* tal-karozza. Gew  esibiti wkoll diversi rcevuti tal-flus mhallsa mis-socjeta’ attrici ghat-tiswija ta’ din il-karozza li kienet assikurata maghha b’polza tat-tip *comprehensive*.

Fsadni jghid illi meta huwa kien qed jistenna l-karozzi ta’ quddiemu johorgu, huwa ra dan il-*crane* magembu fuq il-lemin, liema *crane* kien wieqaf. Ma ndunax li dana beda miexi peress illi dak il-hin kien qieghed fil-*blind spot* u di piu kien aktar mohhu

fil-karozzi li kienu ghaddejjin fit-triq principali milli mohhu fil-*crane* illi safejn kien jaf hu kien ghadu wieqaf.

Il-konvenut minn nahha l-ohra jghid illi kien veru li huwa kien qed isuq dan il-*crane.* Fil-fatt kellhom xi xogholijiet fil-vicinanzi, kien ghadhom kif spiccaw u riedu jipparkjaw dan il-*crane* magemb is-sur. Kellu persuna biex jaralu n-nahha ta' wara ta' dan il-*crane* u jkun cert li ma jghaddux karozzi minn dik in-nahha hekk kif dan il-*crane* jibda jirriversja. Il-konvenut pero' ha hsieb il-quddiem tal-vettura u jghid illi meta beda jressaq il-*crane* il-quddiem ma kien hemm hadd quddiemu. Ma jafx minn fejn gie dana Fsadni. Jghid li probabbilment hareg minn fuq l-*stop sign.* Ra li kienu gejjin karozzi u reggha rriversja b'tali mod illi baqa diehel fil-*bumper.*

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tikkunsidra din il-versjoni moghtija mill-konvenut ferm fantastika. Dana evidentement ma kienx mohhu fit-triq meta kien qed iressaq il-vettura tieghu l-quddiem. Ma jistax ikun li ma ndunax bil-karozzi li kien hemm quddiemu. F'dan il-kaz ma kienx hemm karozza wahda biss izda mill-inqas tlieta, u dawna kollha bdew hergin wahda wara l-ohra u ma hemm l-ebda raguni l-ghala ma ndunax bil-presenza tal-karozza misjuqa minn Fsadni.

Ir-ritratti illi gew esibiti mill-atturi juru bic-car illi dawn il-hsarat gew subiti bil-*bumper* tal-*crane.* Iz-zebgha safra fuq il-*blue* tal-karozza jispikka sew u ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li fil-fatt

kien dan il-*crane* li kkawza d-danni, dana minkejja li l-konvenut lanqas biss induna illi huwa habat ma' karozza. Dana huwa ndikazzjoni ta' nuqqas ta' *proper look out* mill-aktar serju. Ma jistax ikun illi jkollok sitwazzjoni meta vettura tkun qieghdha misjuqa 'l quddiem u x-xufier ma jkunx mohhu f'dak illi jkun qed jaghmel, di piu' vettura ta' dik il-kobor u portata bhal *crane* illi jista jikkawza danni kbar bl-icken moviment mhux kontrollat tieghu. Il-Qorti mghandha l-ebda dubbju li ghal dan in-nuqqas ta' *proper look out* da parti tal-konvenut kien il-kawza principali ta' dan l-incident u ghalhekk irid jerfa r-responsabbilta' tad-danni minnu kkawzati.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tiddikkjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi gara f'Belt il-Hazna fl-10 ta' Lulju 2000 bejn il-karozza BAP 429 misjuqa minn Kevin Fsadni u American Hoist numru GVH 390 misjuq mill-konvenut. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' tlett mija u sebgha u sittin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm367.82c), kwantu ghac-cifra ta' tlett mija u tnejn u erbghin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm342.82c) ghas-socjeta' Untours Insurance Agents u hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) lil Louis Fsadni u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas din ic-cifra ta' tlett mija u sebgha u sittin lira u  tnejn u tmenin centezmu (Lm367.82c) lill-atturi fuq imsemmija. Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-konvenut mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.

Anthony Zammit/Dep Reg